MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2006

Citazzjoni Numru. 672/2000/1

**Tal-Maghtab Construction Co Ltd**

**Vs**

**Gaetano maghruf bhala Gejtu Debattista bhala President, Stafan Saliba bhala Segretarju u Antoine Atard bhala Tezorier ghan-nom u in rapprezentanza tal-Hamrun Spartans Football Club; Gaetano maghruf bhala Gejtu Debattista bhala President ossija Chairman, Harry Zammit Cordina bhala Segretary u John Vella bhala Kaxxier u Ground Manager tal-Management Board tal-Victor Tedesco Stadium u l-Hamrun Sports Complex; Victor Tedesco u John Vella**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta' attrici ppremettiet:

Illi l-konvenuti Victor Tedesco u John Vella bhala Chairman u Tezorier tal-Management Board tal-Hamrun Sports Complex kienu kkostitwew ruhom veru, certu u likwidi debituri tas-socjeta attrici ghas-somma ta' erba' u teltin elf lira maltin (Lm34000) permezz ta' skrittura datata 14 ta' Settembru 1996, kopja hawn annessa u markata Dok A;

Illi l-Management Board tal-Hamrun Sports Complex u l-Victor Tedesco Stadium jifforma parti u, jew huma affiljat direttament mal-Hamrun Spartans Football Club;

Illi llum l-konvenuti, jew min minnhom jinsabu debituri tas-socjeta attrici fis-somma ta' hamsa u ghoxrin elf tlett mija u tnax-il lira maltin u sbatax-il centezmu (Lm25312.17) rapprezentanti bilanc minn somma akbar kostitwita bhala debitu permezz ta' skrittura kopja hawn annessa u markata bhala Dok A;

Illi ghalkemm interpellati sabiex ihallsu dan id-debitu permezz ta' ittra ufficjali datata 21 ta' Marzu 2000 l-konvenuti baqghu inadempjenti;

Illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tas-socjeta attrici l-konvenuti m' ghandhom ebda eccezzjoni xi jressqu ghall-hlas ta' dan id-debitu;

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li l-konvenuti jghidu ghaliex dina l-Qorti m'ghandiex: -

Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-istanti bid-dispenza tas-smiegh tal-kawza ai termini tal-artikoli 167-170 tal-kapitolu 12;

Tikkundanna lill-konvenuti, jew minn minnhom, jhallsu lis-socjeta attrici s-somma ta’ hamsa u ghoxrin elf tlett mija u tnax-il lira maltin u sbatax-il centezmu (Lm25312.17) rapprezentanti bilanc minn somma akbar kostitwita bhala debitu permezz ta’ skrittura kopja hawn annessa u markata bhala Dok A;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 21 ta’ Marzu 2000, tal-mandat ta’ qbid kawtelatorju numru 1138/00 NS u tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju numru 1136/00 u bl-imghax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti jew min minnhom li gew ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet ta’ Gaetano maghruf bhala Gejtu Debattista bhala President ossija Chairman, Harry Zammit Cordina bhala Segretarju u John Vella bhala Kaxxier u Ground Manager tal-Management Board tal-Victor Tedesco Stadium u l-Hamrun Sports Complex fejn gie eccepit illi l-ammont pretiz mis-socjeta’ kummercjali attrici huwa wiehed ezorbitanti u m’hux kollu dovut mill-Management Board tal-Victor Tedesco Stadium u l-Hamrun Sports Complex stante pagamenti gja’ affettwati mill-istess Management Board u accettati mis-socjeta’ attrici;

Rat id-dikjarazzjoni relattiva debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda relattiva;

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet ta’ Gaetano maghruf bhala Gejtu Debattista bhala President, Stefan Saliba bhala Segretarju u Antoine Attard bhala Tezorier tal-Hamrun Spartans Football Club fejn gie eccepit :-

1. Illi, in linea preliminari u minghajr pregudizzju ghal li gej, l-atturi m'ghandhom l-ebda relazzjoni mas-socjeta' attrici fil-kapacita' taghhom hawn fuq indikata u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi fil-mertu, il-pretensjonijiet tas-socjeta' attrici ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' stante li huma infondati fil fatt u fid-dritt ghaliex l-konvenuti fil-kapacita' taghhom hawn fuq indikata m' humiex debituri tas-socjeta' attrici;
Rat id-dikjarazzjoni relattiva debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda relattiva;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuti Victor Tedesco u John Vella fejn gie eccepit:-

1. Illi, in linea preliminari u minghajr pregudizzju ghal li gej, l-atturi m' ghandhom l-ebda relazzjoni mas-socjeta' attrici fil-kapacita' taghhom hawn fuq indikata u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi fil-mertu, il-pretensjonijiet tas-socjeta' attrici ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' stante li huma infondati fil fatt u fid-dritt ghaliex l-konvenuti fil-kapacita' taghhom hawn fuq indikata m' humiex debituri tas-socjeta' attrici;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti Victor Tedesco u John Vella debitament konfermata
bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta' Mejju 2001 minn fejn jirrizulta li l-konvenuti Hamrun Spartans Football Club irtiraw l-0ewwel eccezzjoni taghhom rigwardanti r-relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhieda prodotti mill-partijiet;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Din il-kawza qed issir kontra l-Hamrun Spartans Football Club, kontra l-Management Board tal-Victor Tedesco Stadium u l-Hamrun Sports Complex u kontra Victor Tedesco u John Vella personalment;

Is-socjeta attrici tippremetti li l-konvenuti Victor Tedesco u John Vella bhala Chairman u Tezorier tal-Management Board tal-Hamrun Sports Complex kienu kkostitwew ruhom veru, certu u likwidi debituri tas-socjeta attrici ghas-somma ta’ erba’ u teltin elf lira maltin (Lm34000) u dana permezz ta’ skrittura datata 14 ta’ Settembru 1996. (Dokument A). Tippremetti ukoll li l-Management Board tal-Hamrun Sports Complex u l-Victor Tedesco Stadium jifforma u jew huwa affiljat mal-konvenuti Hamrun Spartans Football Club. Is-socjeta attrici tippretendi li l-konvenuti jew min minnhom huma debituri taghha fis-somma ta’ hamsa u ghoxrin elf tlett mija u tnax-il lira maltin u sbatax-il centezmu (Lm25312.17) bilanc minn somma akbar kostitwita kif gia nghad permezz tal-imsemmija skrittura. Ghalhekk qed issir din il-kawza;

Il-Management Board tal-Victor Tedesco Stadium u l-Hamrun Sports Complex qed jeccepixxu illi l-ammont pretiz hu ezorbitanti u m’hux kollu dovut invista ta’ diversi pagamenti li saru;

Il-Hamrun Spartans Football Club eccipew li ma ghandhom ebda relazzjoni mas-socjeta’ attrici u fil-mertu li m’humiex debituri tas-socjeta’ attrici. Jigi ribadit li l-konvenuti Hamrun Spartans irtiraw l-ewwel eccezzjoni taghhom rigwardanti r-relazzjoni guridika mas-socjeta attrici;

Il-konvenuti Victor Tedesco u John Vella personalment qed jeccepixxu li ma ghandhom ebda relazzjoni mas-socjeta’ attrici u fil-mertu li m’humiex debituri tas-socjeta’ attrici;

Ghalhekk l-eccezzjoni li ghandhom jigu trattati huma l-eccezzjoni tal-konvenuti Victor Tedesco u John Vella personalment li ma ghandhom ebda relazzjoni mas-socjeta’ attrici u l-eccezzjoni tal-konvenuti Management Board tal-Victor Tedesco Stadium u l-Hamrun Sports Complex u tal-konvenuti Hamrun Spartans Football Club fejn qed jigi sottomess li l-ammont pretiz hu esorbitanti u m’hux kollu dovut invista ta’ diversi pagamenti li saru;

In effett fin-nota spjegattiva taghhom il-konvenuti Hamrun Spartans Football Club u l-Management Board tal-Victor Tedesco Stadium u l-Hamrun Sports Complex irrilevaw li wara li giet iffirmata l-iskrittura in kwestjoni saru pagamenti li jammontaw komplesivament ghas-somma ta’ ghoxrin elf lira maltin (Lm20000) skond kif jirrizulta mid-dokumenti markati ‘HS1’ u ‘HS2’. Ghalhekk il-bilanc li ghadu dovut hu ta’ erbatax-il elf lira maltin (Lm14000);

Ghar-rigward tal-eccezzjoni tal-konvenuti Tedesco u Vella personalment jirrizulta li huma ffirmaw l-iskrittura in kwestjoni ghan-nom u in rappresentanza tal-imsemmi management board u dan il-Bord iddikjara li hu veru u likwidu debitur tas-socjeta attrici. Hu ovvju ghalhekk li qatt ma kienet l-intenzjoni tal-firmatarji kollha tal-istess skrittura li l-istess Tedesco u Vella kienu qed jobbligaw ruhhom personalment;

Ix-xogholijiet saru ghar-rigward tal-ground tal-football li hu komunement mgharuf bhala dak tal-Hamrun Spartans. Il-firmatarji Tedesco u Vella iffirmaw ghan-nom tal-bord li kien fdat bit-tmexxija tal-istess ground, pero’ jirrizulta li fl-istess hin huma kienu ukoll jokkupaw zewg karigi gholja fi hdan il-Hamrun Spartans Football Club u cioe rispettivament president u kaxxier;

Jirrizulta ukoll li l-imsemmi bord ta’ tmexxija hu bord rikonoxxut ufficjalment mill-istatut tal-istess Hamrun Spartans Football Club. Difatti f’nota taghhom il-konvenuti Hamrun Spartans Football Club u l-Management Board tal-Victor Tedesco Stadium u l-Hamrun Sports Complex iddikjaraw li l-Management Board huwa parti mill-istess Club. Jidher ghalhekk li l-konvenuti Hamrun Spartans Football Club qed jirrikonoxxu r-responsabilita’ taghhom li jhallsu l-bilanc eventwalment dovut lis-socjeta attrici;

Ghar-rigward tal-ammont li ghadu dovut jirrizulta li x-xoghol li gie konsidrat fl-iskrittura in kwestjoni hu x-xoghol ta’ kostruzzjoni li sar sal-14 ta' Settembru l996. Jirrizulta li wara din id-data l-istess xoghol tkompla. Is-socjeta attrici kkonfermat li x-xoghol ta’ kostruzzjoni in kwestjoni beda jigi ezegwit fl-ewwel parti tal-1996 u li wara li giet iffirmata l-iskrittura in kwestjoni nhargu zewg certifikati ohra relattivament ghax-xoghol ulterjri li sar wara d-data tal-iskrittura. Ghalhekk hu ovvju li l-ammonti dovuti in virtu’ ta dawn ic-c ertifikati mhux inkluzi fl-ammont indikat fl-iskrittura. Il-partijiet jaqblu dwar l-ammonti tal-pagamenti li saru lis-socjeta attrici. Jirrizulta sufficjentemennt pruvat li ghar-rigward tal-ammont indikat fl-iskrittura in kwestjoni ghad fadal dovut il-bilanc indikat fic-citazzjoni. Jista jkun hemm ukoll dovut bilanc iehor ghar-rigwad tax-xogholijiet ulterjuri li saru wara d-data tal-istess skrittura;

Fid-dawl tal-premess l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Tedesco u Vella personalment ghandhom jigu akkolti filwaqt li t-talbiet attrici ukoll ghandhom jigu akkolti pero’ biss kontra l-konvenuti Hamrun Spartans Football Club u kontra l-konvenuti Management Board tal-Victor Tedesco Stadium u l-Hamrun Sports Complex u dana minnghajr pregudizzju ghall bilanci ulterjuri li jistghu jkunu dovuti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tilqa l-eccezzjoni tal-konvenuti Victor Tedesco u John Vella personalment u tiddikjara li l-istess konvenuti personalment ma ghandhom ebda relazzjoni gurdika mas-socjeta' attrici u ghalhekk l-istess konvenuti qed jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju u billi fit tieni lok billi tilqa t-talbiet attrici pero' biss fil-konfront tal-konvenuti Hamrun Spartans Football Club u tal-konvenuti Management Board tal-Victor Tedesco Stadium u l-Hamrun Sports Complex u tikkundannhom ihallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' hamsa u ghoxrin elf tlett mija u tnax-il lira maltin u sbatax-il centezmu (Lm25312.17) rapprezentanti bilanc minn somma akbar kostitwita bhala debitu permezz tal-iskrittura indikata fic-citazzjoni u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid data tan-notifika ta' din ic-citazzjoni sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjez kollha kontra l-konvenuti Hamrun Spartans Football Club u Management Board tal-Victor Tedesco Stadium u l-Hamrun Sports Complex ad eccezzjoni tal-ispejjes tal-konvenuti Victor Tedesco u John Vella personalment li ghandhom jithallsu mis-socjeta attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------